-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

[Nhar il-Tlieta 6 ta' Ġunju 2023]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion – Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Hugh Caruana- Kunsillier
Jessica Borg- Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jeremy Cardona – Kunsillier
Mario Azzopardi – Kunsillier
Alexander Zammit - Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 57.1 | Il-laqgħa bdiet fil-5:30pm fin-nuqqas tas-Sindku li informa li se jasal tard. Il-Viċi Sindku fetaħ il-laqgħa fil-5:30pm<br><br>**Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 57.1.1 | Id-D.S.E informa li l-kunsilliera J.Cardona, M.Azzopardi u A.Calleja Zammit talbu biex ikunu skużati. |
| 57.2 | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 55 u 56** |
| 57.2.1<br><br>57.2.2<br><br>57.2.3<br><br>57.2.4 | Il-kunsillier N.Chetcuti ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu.<br><br>B'referenza għat-talba li saret biex ikun hemm magna oħra tal-BCRS, id-D.S.E informa illi m'hemmx magni ġodda bħalissa.<br><br>Il-kunsillier H.Caruana qal illi għadu jrid isir il-manutenzjoni tal-bankijiet illi hemm quddiem il-klinkikk<br><br>Id-D.S.E informa illi intbagħtu wkoll il-Minuti tal-laqgħa nru. 56 rigward il-laqgħa urġenti għall-approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements. Il-kunsuillier H.Caruana ppropona li dawn il-Minuti jiġu approvati. Il-kunsilliera J.Borg issekondat. Kien hemm qbil unanimu. |
| 57.3 | Is-Sindku wasal fil-5:50pm.<br><br>**Korrespondenza mas-Sindku** |
| 57.3.1<br><br>57.3.2<br><br>57.3.3<br><br>57.3.4 | Id-D.S.E qal illi hemm iżjed informazzjoni rigward it-talba biex wieħed jibda joffri logħob u ħelu fil-ġnien tal-Gzira. Hu lest jagħti discount ta' 50% lit-tfal tal-lokalita. Kien hemm qbil illi jopera mill-ġnien iżda għandu joffri l-istess prezz għal kulħadd. Se jkollu jieħu ħsieb dawl [generator], u Insurance hu u jingħata permessi mill-Kunsill biex jibqa hemm kull nhar ta' Sibt bejn 18:00 u 22:00 u l-Ħdud bejn 11:00 u 18:00<br><br>Is-Sindku qal illi irċieva talba mingħand EcoMarket sabiex jagħmlu attività fit-8 ta' Settembru fil-ġnien fejn tfal ikollom l-opportunita biex juru prodotti tagħhom u jsir logħob b'tema ambjentali. Kien hemm qbil unanimu mall-proposta.<br><br>Is-Sindku qal illi rċieva talba mingħand E2C Business Ltd sabiex isiru festivals fil-ġnien fl-aħħar tas-sajf. Dawn se jkunu 'Cats and Dogs Lovers Festival', 'Festa Frott' u 'Wine Festival'. Dawn jistaw isiru flimkien mar-Reġjun Lvant. Kien hemm qbil unanimu.<br><br>Is-Sindku qal illi se ssir laqgħa mall-Ministru Zrinzo Azzopardi dwar il-proġett ta' triq Manoel De Vilhena. Il-Viċi Sindku qal illi sema li se jieqfu għal xahar issa. Il-kunsillier |

| | |
|---|---|
| 57.3.5 | N.Chetcuti qal illi m'hu veru xejn iżda li m'għandomx materjal u se tasal Malta fil-ġranet illi ġejjin.<br><br>**IL-Viċi Sindku telaq fis-18:10** |
| 57.3.6 | Is-Sindku informa li l-MIDI jixtiequ jagħmlu laqgħa mall-Kunsill fit-13 jew 15 ta' Ġunju. Kien hemm qbil illi l-laqgħa ssir nhar il-15 ta' Ġunju fil-5pm. |
| 57.3.7 | Is-Sindku qal illi avviċinawħ Bulletproof sabiex jagħmlu Outdoor Gym fil-gym. Qal illi peress illi se ssir proġett fil-ġnien jista jkun hemm bżonn insibu sit alternattiv. Il-kunsillier I.Buhagiar ssuġerixxa fejn il-pixxina. Kien hemm qbil mas-suġġeriment. |
| 57.3.8 | Is-Sindku qal illi intbagħtu 2 emajls lil Lands wara illi l-Kunsill rebaħ il-każ tal-ġnien iżda għadna ma rċevejna l-ebda risposta. Se tintbagħat ittra legali. |
| **57.4** | **Mistoqsijiet tal-kunsilliera** |
| 57.4.1 | Ma kien hemm l-ebda mistoqsija |
| **57.5** | **Rapporti** |
| 57.5.1 | Ma kien hemm l-ebda rapporti |
| **57.6** | ***Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| 57.6.1 | Id-D.S.E qal illi dalwaqt deħin għal żmien il-festa u hemm bżonn konferma fuq il-ġranet illi mhux se joħorġu permess. Kien hemm qbil illi ma joħorġux bejn 30 ta' Ġunju u nhar id-9 ta' Lulju [inkluż dawn il-ġranet]. |
| 57.6.2 | Id-D.S.E qal illi l-Kunsill ġie informat illi xogħolijiet ġewwa Sliema road se jibdew fil-15 ta' Ġunju 2023. Il-kunsillier raw il-pjanti. Qal illi parking mhux se titneħħa iżda waqt ix-xogħolijiet il-BCRS għandom jiċċaqalqu l-magnu sit differenti. Il-kunsillier N.Chetcuti ssuġerixxa Pjazza Gerry Zammit. Kien hemm qbil unanimu. |
| 57.6.3 | Id-D.S.E qal illi bix-xogħolijiet għaddejjin fis-sular ta' fuq huwa ferm diffiċli biex il-ħaddiema jaħdmu. Qal se jkun hemm bżonn jiġu relokati post ġdid li jista joffri l-iżvillupatur li qed jibni, jew imorru fis-sala ta' Savoy Gardens fejn jaħdmu tal-Front Office u l-oħrajn jaħdmu mid-dar. Il-kunsillier N.Chetcuti qal l-istess persuna għandu kamra fis-sular t'isfel tal-Kunsill. Il-Kunsill se jagħmel talba sabiex jiġu relokati hemm isfel sakemm isiru xogħolijiet fis-sular ta' fuq il-Kunsill. |
| 57.6.4 | Il-kunsillier J.Borg staqsiet jekk se nagħtu bibita lill-banda u għaqdiet lokali fi żmien il-festa. Kien hemm qbil illi ssir fil-5 ta' Lujlu 2023.<br><br>Intqal illi ssir talba sabiex jittieħed azzjoni minħabba l-problema tal-ħamiem. |

| | |
|---|---|
| 57.6.5 | Il-kunsillier N.Chetcuti issuġġerixxa li tingħata rikonoxximent lis-sur Dylan Cassar li ħa midalja tal-bronze fis-Small Nations waqt l-attivitajiet ta' Jum Il-Gzira. Kien hemm qbil unanimu. |
| 57.6.6 | Kien hemm qbil illi Jum Il-Gzira tiġi ċelebrata fid-29 ta' Settembru 2023. |
| 57.6.7 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hemm pjanċi li għandom bżonn manutenzjoni fejn il-Bust Stop Lounge. |
| 57.6.8 | Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa jekk għadna noffru Silver Service. Is-Sindku qal illi s-servizz suppost se tingħata lil-lokalitajiet kollha. |
| 57.6.9 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi qegħdin jeħlu ħafna nies fil-lights tal-crossroads meta jkunu ġejjin minn Sliema road. Is-Sindku qal illi jekk ikollom iżjed ħin biex joħorġu huma, se jkun hemm inqas ħin għat-toroq l-oħra. |
| 57.6.10 | Id-D.S.E qal illi l-kuntrattur li jiġbor l-iskart qed isib diffikultà biex joħroġ minn Cameron u jdur għal Reid minħabba post ta' parkeġġ mall-kantuniera. Kien hemm qbil illi din titneħħa. |
| **57.7** | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 57.7.1 | Il-kunsillier N.Chetcuti ippropona li l-PAS jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu. . |
| **57.8** | **Mozzjoni** |
| 57.8.1 | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni. |
| **57.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 57.9.1 | Il-laqgha intemmet ghall-ħabta tas- 7.15pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar il-Tlieta 4 ta' Lulju 2023 |

Konfermati, illum nhar it-Tlieta 4 ta' Lulju 2023

IFFIRMATA

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

Anthony Attard
Dep. Segretarju Eżekuttiv